MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2004

Numru 657/2000

Il-Pulizija
(Sp Norbert Ciappara)
vs
Michael Sammut,iben George,
imwieled Ħal-Qormi fit-30 ta'
lulju, 1962

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-22 ta' settembru, 2000 u matul dawn l-aħħar ġranet qabel din id-data –
1. kellhu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u

meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-rċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G. N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanżi li juru li ma kienitx għall-użu personali tiegħu;

2. talli fit-22 ta' setembru, 2000 wara ntervent u tfittxija li saret mill-uffiċjali tal-pulizija fil-fond fi Triq il-Kappuċini, Ħaż-Żabbar, kif ukoll fil-fond 'Your Choice Confectionery', Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar instab li xjentement zamm jew ħeba kif ukoll kellu fil-pussess u\jew taħt il-kontroll tiegħu 14 il-kartuna b'200 sigaretti f'kull kartuna tal-marka Rothmans Blue 18 il-pakkett b'20 sigarett f'kull pakkett, kif ukoll bi 15 il-sigarett kollha ta' l-istess marka.

Is-sigaretti in kwistjoni, li ġew maqbuda bin-nota ta' qbid numru 38\2000, għandhom il-valur ta' Lm35.77,5 u dazju tas-sisa ta' Lm90.63,0 liema dazju tas-sisa ma ġiex imħallas u\jew kawtelat.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'j'qsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-'letter to prosecute' dad parti tal-Kontrollur tad-Dwana.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' ġunju, 2002 fejn ta l-kontro ordni biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' ġunju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

Fl-artikoli 60(a)(b)(ċ)(e)(k), 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) u

l-paragrafu (a) tas-subartikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 16(j) u 17(a)(b) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar id-Dazju tas-Sisa;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex jiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' mejju, 2004 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' mejju, 2004 illi mill-provi prodotti jirrizulta biss
il-pussess sempliċi tad-droga kokaina u li l-akkuża dwar is-sigaretti ġiet pruvata.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati li d-droga li kellu fil-pusess tiegħu ma kienitx għall-użu personali tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati li kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, kif ukoll issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra iegħu. Rat l-artikoli 9 u 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regola-
ment 8 tal-G.N. 292 ta' l-1939, l-artikoli 60(a)(b)(ċ)(e)(k), 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) u
l-paragrafu (a) tas-subartikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 16(j) u 17(a)(b) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar id-Dazju tas-Sisa. Tikkunddannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta' tlett snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tad-droga eżebita. Tordna l-konfiska tas-sigaretti eżebiti favur il-Gvern ta' Malta. Tordna wkoll li s-somma ta' Lm306 eżebiti fl-atti ta' din il-kawża jiġu ritornati lill-imputat billi ma għandhom xejn x'jaqsmu ma dan il-każ. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma Lm162.12,0 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------